MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2012

Numru. 403/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR RODERICK AGIUS**
**VS**
**DAVID SHAUN GALEA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

David Shaun Galea ta' 22 sena, bin Mario u Giorgina nee' Sgendo, mwieled 25 ta' Mejju 1990, residenti Gormar, Triq l- Indipendenza, Zebbug u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 2655390M ;

Talli;

1) fil- lejl ta' bejn l- 14 u l-15 ta' April 2012 gewwa Haz- Zebbug u f' dawn il- gzejjer ghamel reat vjolenti kontra l- pudur ta' Kristina Xuereb;

2) ukoll talli fl- istess dati offenda lil persuna ta' Kristina Xuereb, il- pudur jew il- morali b' ghemil li sar f' lok pubbliku jew f' lok espost ghall- pubbliku;

3) talli fl- istess hin, lok u cirkostanzi ta fastidju lil Kristina Xuereb meta hu kien jaf li l- ghemil tieghu qed jaghti fastidju lil Kristina Xuereb;

4) talli fl- istess hin, lok u cirkostanzi kkaguna feriti ta' natura hafifa fil- wicc ta' Kristina Xuereb hekk kif iccertifika Dr. R. Galea Med Reg 529;

5) finalment talli sar recidiv ai terminu tal- Artikoli 49 u 50 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi mill- Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-parti leza ddikjarat li qed tirrinunzja ghal dak kollu li hu rinunzjabbli f'din il-kawza, peress illi kienet hafret lill-imputat u xtaqet li ma tixhedx fil-konfront tieghu;

**Ikkonsidrat:**

In vista tar-rinunzja da parti tal-allegata vittma, din il-Qorti m'ghandha ebda prova tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Fl-istqarrija li hu irrilaxxja, hu jinnega li ghamel attentat vjolenti ghall-pudur, jew li offenda l-pudur taghha. Hu ammetta li pprova jbusha fil-vettura tieghu, izda jinsisti li ma marx oltre, u hekk kif hi qaltlu li ma tridx, hu waqaf. Din hi l-verzjoni moghtija minnu, u fl-assenza tal-verzjoni moghtija mill-vittma, il-Qorti m'ghadhiex fuqhiex timxi hlief dik indikata fl-istqarrija tieghu. In vista ta' dan, ghalhekk, il-qorti m'ghandha ebda triq ohra hlief li tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 207, 209, 251° u 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------